Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 214/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Anthony Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Employment & Training Corporation, fit-28 ta' Frar, 2005, u qabel din id-data, f' Euro Chemie Products Ltd, Ind. Est, Ricasoli, Kalkara, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Josephine Agius, Viacava Glynis u lil Andrews Gabrielle persuna ta' nazzjonalita' barranija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 7 tal-Avviz Legali 110/93, 3(a), 4, 10 ta' l-Avviz Legali 110/93 sabet lill-appellant hati skond l-

akkuza pero' fil-konfront biss ta' Glynis Viacava w ikkundannatu ghal multa ta' €233 (ekwivalenti ghal LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tehles lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ma' min suppost il-persuni ndikati fic-citazzjoni kienu qed jahdmu fid-data in kwistjoni. L-unika prova li ngabet kienet illi l-ispezzjoni saret fil-fabbrika maghrufa bhala Euro Chemie Products Ltd, Qasam Industrijali, Ricasoli, Kalkara, imma ma ngabet l-ebda prova min kien qed jopera minn din il-fabbrika w min kien suppost qed ihaddem;
Illi l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi tghabbi lill-appellant b'responsabilita' legali ghal kwalunkwe allegat thaddim ta' nies li ma giex debitament denunzjat fil-fond in kwistjoni w dana peress illi ma ngabet l-ebda prova illi l-appellant kien fid-data tal-ispezzjoni, d-direttur ta' xi kumpanija li topera mill-imsemmija fabbrika jew ta' l-istess "Euro Chemie Products Ltd" kif imsemmi fid-dokument tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bid-data 4 t'April, 2007 li gie pprezentat seduta stante. Illi galadarba l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova illi l-appellant kien direttur ta' xi kumpanija illi kienet topera fil-fond imsemmi fid-data msemmija fl-imputazzjoni jew illi kien qed ihaddem il-persuni msemmija direttament, l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta meta sabet lill-appellant hati bil-mod kif sabitu.

Ikkunsidrat :

Illi l-argument principali tad-difiza f'dan l-appell hu li ma ngabet l-ebda prova dwar min kienu qed jahdmu n-nies bla ktieb fil-fabrika.

Fl-istabbiliment Euro Chemie Products Limited hemm hafna kumpaniji jahdmu u l-anqas ma ngabet prova min kienu d-diretturi ta' din il-kumpanija w ghalhekk il-htija ma kellix taqa' kollha kemm hi fuq l-appellant.

Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali argumenta illi ngabet prova illi l-appellant kien direttur tal-kumpanija Euro Chemie Products Limited fiz-zmien illi kienu qeghdin jahdmu Josephine Agius u Glynis Viacava.

Ikkunsidrat :

Mid-dokument FD illi hemm esebit f'dawn l-atti a fol. 14 li huwa l-"employment history" tal-kumpanija in kwistjoni li tirrigwarda principalment l-appellant Anthony Pisani, rrizulta illi fit-2 ta' Frar 1987 gie impjegat bhala direttur bazi "full time" tal-kumpanija Euro Chemie Products Limited. minn dak iz-zmien 'l hawn ma jirrizultax li saru xi kambjamenti fid-diretturi ta' din il-kumpanija.

Ghalhekk bhala direttur ghandu jerfgha fuq spallejh ir-responsabilita' illi jara illi r-regolamenti dwar l-impjiegi jigu osservati.

Irrizulta illi fit-28 ta' Frar 2005 saret spezzjoni minn Anthony Cauchi u l-kollegi tieghu John Calleja w Paul Vella fil-fond gestit minn Euro Chemie Products Limited fit-taqsima industrijali ta' Ricasoli, Kalkara.

Gew intervistati hamsa minn nies li tnejn minnhom kienu impjegati regolarment, pero` tlieta ohra w cioe` Josephine Agius, Glynis Viacava w Andrews Gabrielle ma kienux.

Anthony Cauchi ma setax jiftakar ezattament x'tip ta' xoghol kienu qeghdin jaghmlu dawn it-tlieta minn nies, pero` kienu qeghdin fil-post jahdmu bhal l-haddiema l-ohra.

Paul Vella kellem direttament il-Gabrielle Andrews li qaltlu li kienet qeghda hemmhekk bhal “full time cleaner”.

John Calleja kellem lil Josephine Agius u Glynis Viacava w ha l-particulars taghhom. Kienu qeghdin bil-qeghda b’xi kaxxi tad-detergents ma genbhom li kienu qed jippakkjaw jew jibbottiljaw skond il-kaz. Qalulu li huma “part time factory workers”, pero` meta l-ispetturi iccekkjaw mad-database ta’ l-ETC sabu illi dawn it-tlett persuni ma kienux registrati illi qed jahdmu mal-kumpanija.

Kwindi l-Qorti jidhrilha illi kienu jezistu provi bizzejjed sabiex l-Ewwel Qorti tasal biex issib htija skond l-akkuzi.

Issa hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha [Pul. vs. Carmelo Schembri 28-04-1995].

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondiet biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha w wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------